32003R1425

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1425/2003
tal-11 ta' Awissu 2003
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 466/2000 rigward il-patulin

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-kontaminanti fl-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel (SCF),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2001 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 563/2002 [3] jiffissa l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel. Il-livelli massimi ġew stabbiliti għan-nitrati, l-aflatossini, l-okratossin A, iċ-ċomb, il-kadmju, il-merkurju, it-*3-MCPD* u d-diossini.

(2) Uħud mill-Istati Membri adottaw, jew jippjanaw li jadottaw, livelli massimi għall-patulin fl-meraq tal-frott b'mod partikolari fil-meraq tat-tuffieħ ta' belludja, prodotti solidi tat-tuffieħ ta' belludja bħalma huma l-*compote* tat-tuffieħ ta' belludja u l-*puree* tat-tuffieħ ta' belludja u f'dawk il-prodotti maħsuba għat-trabi u t-tfal żgħar. Minħabba d-disparitajiet bejn l-Istati Membri u r-riskju konsegwenti ta' tagħwiġ fil-kompetizzjoni, huma meħtieġa miżuri Komunitarji sabiex tiġi żgurata l-unità tas-suq filwaqt li jinżamm il-prinċipju tal-proporzjonalità;

(3) Il-patulin huwa mikotossin prodott mill-funġi li jappartjenu għal numru ta' ġeneri li jinkludu l-ispeċji tal-Peniċillin, l-Asperġillu u l-Bissochlamis. Għalkemm il-patulin jista' jonħoloq f'ħafna frott immuffat, il-qmuħ u ħafna ikel ieħor, is-sorsi maġġuri tal-kontaminazzjoni tal-patulin huma l-prodotti mit-tuffieħ ta' belludja.

(4) Il-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Marzu 2000 endorsja it-teħid proviżorju massimu tollerabbli ta' kuljum (*PMTDI*) ta' 0,4 µg/*kg* fil-piż tal-ġisem (*bw*) għall-patulin

(5) Fis-sena 2001, twettaq kompitu speċifiku "Stima tat-teħid tal-patulin fid-dieta mill-popolazzjoni ta' l-Istati Membri ta' l-UE" fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 1993/5/KE tal-25 ta' Frar 1993 dwar l-assistenza lill-Kummissjoni u l-koperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżaminazzjoni xjentifika tal-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel [4] (*SCOOP*). Jista' jiġi konkluż mill-istima illi l-espożizzjoni medja tidher li hija baxxa sewwa mill-*PMTDI* ta' 0,4 µg/*kg bw*. Madankollu, meta jittieħdu f'konsiderazzjoni gruppi speċifiċi ta' konsumaturi, b'mod speċjali t-tfal iż-żgħar, u meta jiġu preżunti l-agħar każijiet, l-espożizzjoni għall-patulin hija iktar sinifikanti għalkemm tibqa' taħt il-*PMTDI*.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 466/92 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(7) Il-miżuri provvduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 466/2001 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-livelli massimi għall-patulin stabbiliti fil-punti 2.3.1 u 2.3.2 tat-taqsima 2 ta' l-Anness I l-iktar tard sat-30 ta' Ġunju 2005 bil-ħsieb li tnaqqashom billi tqis il-progress fil-għerf xjentifiku u teknoloġiku u l-implimentazzjoni tal-'Kodiċi tal-prattika għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-kontaminazzjoni tal-patulin fil-meraq tat-tuffieħ ta' belludja u l-ingredjenti tal-meraq tat-tuffieħ ta' belludja f'xorb ieħor'."

2. L-Anness I huwa emendat kif iddikjarat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Novembru 2003.

[1] ĠU L 37, tat-13.2.1993, pġ. 1.
[2] ĠU L 77, tas-16.3.2001, pġ. 1.
[3] ĠU L 86, tat-3.4.2002, pġ. 5.
[4] ĠU L 52, ta' l-4.3.1993, pġ. 18.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Awissu 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Fit-Taqsima 2 (Mikotossini) ta' l-Anness I, jiddaħħal il-punt 2.3 li ġej:

"Il-Prodotti	Il-Patulin: Il-livelli mssimi(µg/kg jew il-ppb)	Il-Metodu tat-teħid tal-kampjuni	Il-Metodu ta' l-analiżi tar-referenza
2.3. **Il-Patulin:**			
2.3.1. — Il-meraq tal-frott u n-nettari tal-frott, b'mod partikolari fil-meraq tat-tuffieħ ta' belludja, u l-ingredenti tal-meraq tal-frott f'xarbiet oħra (1)			Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/78/KE
— Il-meraq ikkonċentrat tal-frott (1) wara r-rikostituzzoni kif ordnat mill-fabbrikant	50,0	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/78/KE	
2.3.2. Ix-xorb spirituż (2), is-*cider* u xorb ieħor iffermentat, idderivati mit-tuffieħ ta' belludja jew li jkun fihom il-meraq tat-tuffieħ ta' belludja	50,0	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/78/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/78/KE
2.3.3. Il-prodotti solidi tat-tuffieħ ta' belludja, inklużi l-*compote* tat-tuffieħ ta' belludja, il-*puree* tat-tuffieħ ta' belludja maħsuba għall-konsum dirett	25,0	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/78/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/78/KE
2.3.4. — Il-meraq tat-tuffieħ ta' belludja u l-prodotti solidi tat-tuffieħ ta' belludja inklużi l-*compote* tat-tuffieħ ta' belludja u l-*puree* tat-tuffieħ ta' belludja, għat-trabi u t-tfal iż-żgħa (3), u ttikkettjati u mibjugħa bħala maħsuba għat-trabi u t-tfal iż-żgħar — ikel ieħor għat-trabi (5)	10,0 (4)	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/78/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/78/KE

(1) Il-meraq tal-frott, inkluż il-meraq tal-frott mill-konċentrati, il-meraq ikkonċentrat tal-frott u n-nettari tal-frott kif iddefiniti fl-Annessi 1 u 2 mad-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2001 li għandhom x'jaqsmu mal-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 10, tat-12.1.2002, pġ.58).

(2) Ix-xorb spirituż kif iddefinit fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tax-xorb spirituż (ĠU L 160, tat-12.6.1989, pġ. 1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3378/94 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1994 (ĠU L 366, tal-31.12.1994, pġ. 1).

(3) It-trabi u t-tfal iż-żgħar kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 91/321/KEE ta' l-14 ta' Mejju 1991, dwar il-formoli tat-trabi u l-formoli tas-segwiment (ĠU L 175, ta' l-4.7.1991, pġ. 35), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/14/KE (ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, pġ. 37) u l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KE tas-16 ta' Frar 1996 dwar l-ikel ipproċessat imsejjes fuq iċ-ċereali u l-ikel tat-trabi għat-trabi u t-tfal iż-żgħar (ĠU L 49, tat-28.2.1996, pġ. 17), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/13/KE (ĠU L 41 ta' l-14.2.2003, pġ. 33).

(4) L-ikel tat-trabi kif iddefinit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KE tas-16 ta' Frar 1996 dwar l-ikel imsejjes fuq iċ-ċereali u l-ikel tat-trabi għat-trabi u t-tfal iż-żgħar (ĠU L 49, tat-28.2.1996, pġ. 17), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/13/KE (ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, pġ. 33).'

(5) Metodu ta' l-analiżi jrid jiġi vvalidat minn prova internazzjonali kollaborattiva ċirku li trid titwettaq qabel l-1 ta' Novembru 2003 sabiex turi illi l-livell ta' 10 µ g/kg ta' patulin jista' jiġI stabbilit b'mod ta' min joqgħod fuqu. Fil-każ li ma jkun hemm ebda xhieda sa' l-1 ta' Novembru 2003 illi jista' jiġi stabbilit b'mod ta' min joqgħod fuqu l-livell ta' 10 µ g/kg ta' patulin, irid japplika l-livell ta' 25 µ g/kg."